**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 320/06VG**

**Leo Borg Marks**

**Vs**

**David Caruana u DavCar Developments Limited**

**Illum 10 ta' Jannar 2017**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Leo Borg Marks, originarjamentipprezentat fil-konfront ta' David Caruana fl-20 ta' Ottubru 2006 u imbaghad b'Digriet datat 22 ta' Jannar 2007 zdiedet bhala parti konvenuta s-socjetà DavCar Developments Limited, permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tikkundanna lil David Caruana u lis-socjetà DavCar Developments Limited ihallsuh is-somma ta' tlett elef erba' mija hamsa u disghin Lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm3,495.99), illum ekwivalenti ghal €8,143.47,rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma u xoghlijiet ohra ancillari u reltati maghhom, esegwiti fuq inkarigu taghhom stess, bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata tar-Rikors sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja datata 31 ta' Awwissu 2006, kontra David Caruana u s-socjetà DavCar Developments Limited;

Rat ir-Risposta ta' David Caruana permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament, ir-Rikors huwa null stante li l-attur kien gie impjegat mis-socjetà DavCar Developments Limited; (ii) fil-mertu, fl-ewwel lok ebda hlas ma huwa dovut peress li l-attur abbanduna x-xoghol; (iii) fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak premess, l-ebda hlas ma huwa dovut peress li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u qatt ma gie certifikat minn engineer bhala tajjeb; (iv) fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ix-xoghol ma sarx skond il-ftehim bejn il-partijiet; (v) fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz huwa ezagerat u ma jirriflettix ix-xoghol verament kompjut mill-attur; (vi) il-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt; u (vii) bl-agir tieghu l-attur holoq danni ingenti kemm lilu kif ukoll lis-socjetà DavCar Developments Limited u ghalhekk qed issir il-kontrotalba opportuna;

Rat it-talbiet rikonvenzjonali ta' David Caruana u tas-socjetà DavCar Developments Limited permezz ta' liema jitolbu li l-attur jigi kkundannat ihallashom id-danni minnhom sofferti, fosthom dewmien fix-xoghol, spejjez biex jittranga x-xoghol hazin esegwit mill-attur u biex jitqabbad haddiem gdid, b'konsegwenza tal-fatt li huwa, ossia l-attur, ma zammx mal-ftehim pattwit bejniethom u tawwal ix-xoghol irragjonevolment u naqas ukoll

milli jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti, li abbanduna l-post tax-xoghol minghajr raguni valida;

Rat li David Caruana u s-socjetà DavCar Developments Limited iddikjaraw li t-talba taghhom ghad-danni ma teccedix il-hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), illum ekwivalenti ghal €11,646.86;

Rat ir-Risposta ta' l-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali ta' David Caruana u tas-socjetà DavCar Developments Limited permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) ma tistax tigi avvanzata talba rikonvenzjonali mis-socjetà DavCar Developments Limited stante li l-azzjoni minnu istitwita hija diretta kontra David Caruana; (ii) ma huwiex minnu li huwa ma onorax il-ftehim milhuq jew li b'xi mod tawwal ix-xoghol u l-allegazzjonijiet ta' David Caruana li huwa wettaq xoghlijiet mhux skond kif tirrikjedi l-arti u s-sengha u li huwa abbanduna l-appalt huma kontestati; (iii) ma huwiex possibbli li huwa kkawza danni minhabba l-inadempjenzi allegati fil-konfront tieghu. Jekk kien hemm dewmien dan kien kawza ta' l-agir negligenti ta' David Caruana u/jew ta' kuntratturi ohra li hadmu fl-istess lantijiet tax-xoghol fejn hadem hu; (iv) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, trid issir il-prova tad-danni allegatament inkorsi, inkluz il-*quantum* taghhom;

Rat li b'Digriet moghti fit-22 ta' Jannar 2007[1], il-Qorti laqghet talba ghal zieda fl-okkju tal-kawza fis-sens illi flimkien ma' l-isem tal-konvenut jizdied l-isem tas-socjetà DavCar Developments Limited (C-35434);

Rat illi waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2007[2], id-difensur ta' David Caruana u tas-socjetà DavCar Developments Limited ta ruhu b'notifikat bir-Rikors kif korrett u zamm fermi l-istess eccezzjonijiet già pprezentati;

Semghat ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2007[3], tal-21 ta' Frar 2008[4] u tad-19 ta' Frar 2009[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "LBM1" sa' Dok. "LBM3" a fol. 21 sa' 63 tal-process u Dok. "LBM1" sa' Dok. "LBM7" a fol. 93 sa' 119 tal-process, semghet ix-xhieda tal-Perit Conrad Thake moghtija waqt is-seduta tad-19 ta' Gunju 2007[6], ix-xhieda ta' Frank Seychell moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2007[7] u x-xhieda ta' Henry Zahra moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2008[8], rat l-affidavit ta' Charles Cassar esebit bhala Dok. "PF" a fol. 81 u 82 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Joe Zahra moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Frar 2008[9], ix-xhieda ta' Marco Debattista moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008[10] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MD1" sa' Dok. "MD3" a fol. 126 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Franco Zammit moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2008[11] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "FZ" a fol. 133 sa' 137 tal-process u rat l-affidavit tal-konvenut u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 140 sa' 176 tal-process;

[1] Fol. 15 tal-process.
[2] Ibid.
[3] Fol. 17 sa' 20 tal-process.
[4] Fol. 90 sa' 92 tal-process.
[5] Fol. 179 sa' 183 tal-process.
[6] Fol. 65 sa' 67 tal-process.
[7] Fol. 73 sa' 75 tal-process.
[8] Fol. 77 sa' 80 tal-process.
[9] Fol. 88 u 89 tal-process.
[10] Fol. 121 sa' 125 tal-process.
[11] Fol. 128 sa' 132 tal-process.

Rat li b'Digriet moghti fl-24 ta' Marzu 2009[12] gie nominat l-Perit Valerio Schembri bhala Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kontro-talba u tax-xhieda già mismugha;

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Teniku l-Perit Valerio Schembri a fol. 200 sa' 295 tal-process;

Rat il-mistoqisjiet in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku mill-konvenut a fol. 297 sa' 301 tal-process u rat il-mistoqisjiet in eskussjoni li saru lill-Perit Tekniku mill-attur a fol. 306 sa' 308 tal-process;

Rat ir-Risposta tal-Perit Tekniku ghall-mistoqisjiet in eskussjoni li sarulu mill-partijiet kontendenti;

Rat ir-Risposta ta' l-attur ghall-esebizzjoni da parte tal-konvenut ta' cheque mahrug mill-HSBC Bank Malta p.l.c. bin-Numru 1108 datat 16 ta' Lulju 2006 ghall-valur ta' Lm181.95 bhala Dok. "DC1" man-Nota pprezentata fit-8 ta' Novembru 2011' senjatament a fol. 300 tal-process[13];

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh is-somma ta' Lm3,495.99, illum ekwivalenti ghal €8,143.47, rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma u xoghlijiet ohra ancillari u relatati maghhom minnu esegwiti fuq inkarigu taghhom stess. Originarjament l-attur kien istitwixxa l-azzjoni odjerna biss fil-konfront tal-konvenut David Caruana izda in segwitu ghar-Risposta ta' l-istess Caruana fejn in linea preliminari eccepixxa li r-Rikors promotur huwa null stante li l-attur kien gie impjegat mis-socjetà DavCar Developments Limited, l-attur talab zieda fl-okkju tal-kawza fis-sens illi ma' isem il-konvenut jizdied l-isem tas-socjetà DavCar Developments Limited, liema talba giet milqugha b'Digriet moghti fit-22 ta' Jannar 2007. In forza ta' tali korrezzjoni ghalhekk l-azzjoni attrici issa hija diretta fil-konfront kemm ta' David Caruana kif ukoll tas-socjetà DavCar Developments Limited.

Il-konvenut kien ressaq Risposta ghat-talba attrici fis-6 ta' Dicembru 2006, liema Risposta u eccezzjonijiet fiha kontenuti nzammu fermi mill-konvenuti in segwitu ghan-notifika tar-Rikors promotur kif korrett[14]. Il-konvenuti ghalhekk jilqaghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) preliminarjament ir-Rikors huwa null stante li l-attur kien gie impjegat mis-socjetà DavCar Developments Limited; (ii) fil-mertu, fl-ewwel lok ebda hlas ma huwa dovut peress li l-attur abbanduna x-xoghol; (iii) fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak premess, l-ebda hlas ma huwa dovut peress li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u qatt ma gie certifikat minn engineer bhala tajjeb; (iv) fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ix-xoghol ma sarx skond il-ftehim bejn il-partijiet; (v) fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz huwa ezagerat u ma jirriflettix ix-xoghol verament kompjut mill-attur; (vi) il-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-

[12] Fol. 185 tal-process.
[13] Fol. 304 u 305 tal-process.
[14] Fol. 15 tal-process.

dritt; u (vii) bl-agir tieghu l-attur holoq danni ingenti kemm lilu kif ukoll lis-socjetà DavCar Developments Limited u ghalhekk qed issir il-kontrotalba opportuna.

Il-konvenuti David Caruana u s-socjetà DavCar Dvelopments Limited in via rikonvenzjonali jitolbu li l-attur jigi kkundannat ihallashom id-danni minnhom sofferti, liema danni ma jammontawx ghal iktar minn Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,646.87, fosthom dewmien fix-xoghol, spejjez biex jittranga x-xoghol hazin esegwit mill-attur u biex jitqabbad haddiem gdid, b'konsegwenza tal-fatt li huwa ma zammx mal-ftehim pattwit bejniethom u tawwal ix-xoghol irragjonevolment u naqas ukoll milli jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti, li abbanduna l-post tax-xoghol minghajr raguni valida. L-attur jilqa' ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) ma tistax tigi avvanzata talba rikonvenzjonali mis-socjetà DavCar Developments Limited stante li l-azzjoni minnu istitwita hija diretta kontra David Caruana; (ii) ma huwiex minnu li huwa ma onorax il-ftehim milhuq jew li b'xi mod tawwal ix-xoghol u l-allegazzjonijiet ta' David Caruana li huwa wettaq xoghlijiet mhux skond kif tirrikjedi l-arti u s-sengha u li huwa abbanduna l-appalt huma kontestati; (iii) ma huwiex possibbli li huwa kkawza danni minhabba l-inadempjenzi allegati fil-konfront tieghu. Jekk kien hemm dewmien dan kien kawza ta' l-agir negligenti ta' David Caruana u/jew ta' kuntratturi ohra li hadmu fl-istess lantijiet tax-xoghol fejn hadem hu; (iv) fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, trid issir il-prova tad-danni allegatament inkorsi, inkluz il-*quantum* taghhom.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjonijiet li ghandhom jiigu trattati huma:(i) l-eccezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur sollevata in linea preliminari mill-konvenut David Caruana; u (ii) l-eccezzjoni sollevata mill-attur ghat-talba rikonvenzjonali ta' David Caruana u tas-socjetà DavCar Developments Limited, li l-istess DavCar Developments Limited ma tistax tressaq talba rikonvenzjonali peress illi l-azzjoni attrici hija diretta fil-konfront ta' David Caruana.

Il-Qorti hija tal-fehma li dawn iz-zewg eccezzjonijiet jinsabu ormai sorvolati in segwitu ghaz-zieda awtorizzata fl-okkju tal-proceduri bid-Digriet tat-22 ta' Jannar 2007, fejn appuntu zdiedet bhala parti imharrka s-socjetà DavCar Developments Limited.

Huwa evidenti li bl-awtorizzazzjoni ghaz-zieda mitluba mill-attur waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar 2007, liema talba in verità lanqas giet opposta mill-konvenut David Caruana, il-Qorti ezercitat is-setgha lilha koncessa ai termini ta' l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li taghmel tajjeb ghal nuqqas percepit mill-konvenut David Caruana u tevita nullità potenzjali tar-Rikors promotur. In effetti biz-zieda Minnha awtorizzata fl-okkju tal-kawza gie li l-azzjoni attrici hija diretta kemm fil-konfront ta' David Caruana kif ukoll fil-konfront tas-socjetà DavCar Developments Limited u ghaldaqstant ma jistax jibqa' jigi sostnut mill-konvenut Caruana jew addirittura minn entrambe l-konvenuti li r-Rikors promotur huwa irritu u null. Bl-istess mod in segwitu ghaz-zieda tas-socjetà DavCar Developments Limited bhala parti konvenuta f'dawn il-proceduri l-attur ma jistax jippretendi li jibqa jsostni b'success l-eccezzjoni li s-socjetà DavCar Developments Limited ma tistax tressaq talba rikonvenzjonali ghat-talba tieghu. Huwa veru li terza persuna mhux imharrka *qua* konvenut mill-attur ma tistax tuzufruwixxi mill-procedura tat-talba rikonvenzjonali stipulata fl-Artikolu 396 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu huwa proprio l-konvenut kif imharrek li ghandu dritt jaghmel uzu minnha[15], izda una volta li s-

[15] Alexis Vella et noe v. David Jones et noe, Citaz. Nru. 89/91 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b' sentenza moghtija fis-27 ta' Jannar 2006.

socjetà DavCar Developments Limited issa tirrivesti l-vesti ta' parti konvenuta fil-proceduri istitwiti mill-attur hija tista' tressaq talba rikonvenzjonali fil-konfront tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jigi ribadit li in segwitu ghaz-zieda ta' isem is-socjetà DavCar Developments Limited wara isem il-konvenut David Caruana fl-okkju tal-kawza awtorizzata bid-Digriet datat 22 ta' Jannar 2007, l-eccezzjoni tan-nullità tar-Rikors promotur sollevata mill-konvenut David Caruana u l-eccezzjoni li s-socjetà DavCar Developments Limited ma tistax tressaq talba rikonvenzjonali fil-konfront ta' l-attur sollevata mill-istess attur, ormai jinsabu sorvolati u ma hemmx lok li jigu kkunsidrati ulterjorment minn din il-Qorti, anzi l-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Trattati dawn iz-zewg eccezzjonijiet jehtieg issa li l-azzjoni attrici u l-kontro-talba tal-konvenuti jigu trattati u kkunsidrati fil-mertu.

Mill-provi prodotti mill-partijiet kontendenti jirrizultaw is-segwenti fatti saljenti:

- Matul is-sena 2005 il-konvenut kien qed jesegwixxi zewg progetti ta' kostruzzjoni, wiehed il-Madliena u l-iehor Wied il-Ghajn;
- Ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni fiz-zewg progetti kienu qed jigu esegwiti mis-socjetà Zahra Limited u in kwantu rigwarda l-progett gewwa Wied il-Ghajn, dan kien taht is-sorveljanza tal-Perit Conrad Thake, filwaqt li fir-rigward tal-progett gewwa l-Madliena, inbidlu diversi Periti tul il-kors ta' l-istess progett;
- L-attur gie inkarigat mill-konvenut biex jesgwixxi x-xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma fir-rigward taz-zewg progetti;
- Ghalkemm l-attur kien beda xi xoghol preliminari fir-rigward tal-progett tal-Madliena, hekk kif lesta tali xoghol preliminari huwa kellu jieqaf ghaliex ma setghax ikompli peress illi l-kuntrattur kien issosspenda l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet;
- Di fatti minhabba disgwid li nqala' bejn il-konvenut u l-kuntrattur, il-progett tal-Madliena dam madwar seba' xhur wieqaf. Eventwalment intalahq ftehim bejn il-konvenut u l-kuntrattur u x-xoghol seta' jitkompla ghall-habta ta' Ottubru 2005;
- Lejn l-ahhar ta' l-2005, bidu ta' l-2006 l-attur beda jesegwixxi x-xoghol fil-progett ta' Wied il-Ghajn u ghall-ewwel ma kellux problemi mal-konvenut ghalkemm ta' spiss kien jghidlu biex jieqaf minn bicca xoghol partikolari u jibda xi haga ohra, u l-konvenut kien ihallsu ghax-xoghol esegwit hlief li kien izomm ammont zghir mill-kont bhala forma ta' retention money, dwar liema prassi l-attur ma kellux oggezzjoni;
- Lejn nofs is-sena 2006, skont l-attur il-konvenut beda jaqa' lura fil-pagamenti u mill-ammonti mitluba kien ihallas biss madwar 50%;
- Fl-10 ta’ Ottubru 2006 l-attur u l-konvenut, flimkien ma’ *surveyor* Marco Debattista u *electrician* Franco Zammit, iltaqghu fuq il-lant tax-xoghol biex jippruvaw isibu soluzzjoni izda filwaqt li l-attur beda jesigi hlas minghand il-konvenut qabel ma jkompli bix-xoghlijiet, il-konvenut irrifjuta li jhallas f'dak l-istadju u ried ihallas kollox fl-ahhar. L-attur din il-proposta ma accettahiex ghaliex skontu sa' dak l-istadju kellu jiehu madwar Lm3,495.99 minghand il-konvenut u ghalhekk iddecieda li jieqaf mix-xoghol;
- Meta l-konvenut ra li l-attur ma kienx se jkompli bix-xoghlijiet gie inkarigat haddiehor biex jkompli bl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet. Bi ftehim datat 18 ta' Ottubru 2006 is-socjetà DavCar Developments Limited, rapprezentata mill-konvenut, inkarigat lil Franco Zammit sabiex ikompli u jlesti x-xoghlijiet ta' installazzjoni ta' dawl u ilma fis-siti tal-Madliena u Wied il-Ghajn li ma gewx kompletati mill-attur. Ix-xoghlijiet tlestew fi zmien tlett xhur, senjatament fi Frar 2007 u Franco Zammit thallas is-somma pattwita ta' Lm2,000 ghax-xoghol esegwit minnu;

• Ix-xoghlijiet ta' kostruzzjoni sa' stadju *shell* fil-progett ta' Wied il-Ghajn damu ghaddejjin madwar sena jew sena u nofs u tlestew ghall-habta ta' Ottubru/Novembru 2006.

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenuti jilqaghu ghat-talba ta' l-attur ghall-hlas tas-somma ta' Lm3,495.99, illum ekwivalenti ghal €8,143.47, bl-eccezzjonijiet, fost ohrajn, li ebda hlas ma huwa dovut lill-attur ghaliex huwa abbanduna l-post tax-xoghol, li fi kwalunkwe kaz ebda hlas ma huwa dovut ghaliex ix-xoghol esegwit mill-attur ma huwiex skond is-sengha u l-arti u qatt ma gie certifikat minn engineer bhala tajjeb u li x-xoghol ma sarx skond il-ftehim li kellhom bejniethom.

Mill-provi effettivament jirrizulta l-attur ma ssokktax bl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet kommissjonati lilu mill-konvenut ghaliex l-istess konvenut irrifjuta li jeffettwa pagament ulterjuri akkont kif pretiz mill-attur u dana billi illi fil-fehma tieghu dan ma kienx dovut f'dak l-istadju tax-xoghlijiet. Dan kollu jirrizulta mhux biss mill-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet kontendenti esebita bhala Dok. "LBM3" sa' Dok. "LBM7" a fol. 113 sa' 119 tal-process imma anke mix-xhieda ta' l-attur u tal-konvenut stess. Minn din l-istess xhieda jirrizulta però li ghalkemm il-konvenut persistentement kien qed iwissi lill-attur li jekk ma jkomplix bl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet *skond il-ftehim immedjatament u bla ebda dewmien, ser jittiehdu l-proceduri giudizzjarji opportuni kollha minghajr l-ebda esitazzjoni, inkluz ghar-refuzjoni tal-flus già imhallsa*[16], in verità huwa ghadda biex jinkariga terza persuna biex jkompli u jlesti x-xoghol mhux mitmum mill-attur. Dan jirrizulta b'mod ukoll car mix-xhieda ta' Marco Debattista[17] u mix-xhieda ta' Franco Zammit[18] li kien il-persuna li gie inkarigat biex ikompli x-xoghol ta' l-attur.

Fir-rigward tad-disgwid li kellu ma' l-attur dwar hlasijiet u tkomplija tax-xoghlijiet il-konvenut iddikjara *gie Awwissu u kien ghadu ma ghalaqx u meta gie jitlobni l-hlas bdejt ninsisti mieghu li qabel ma nkompli nhallsu kellu jaghlaq l-maisonettes. U dan peress li ftit hafna mix-xoghol tieghu seta' jigi deskritt bhala lest u sa' dakinhar kont già hallastu t-total ta' Lm5,500. Huwa minflok, wara li ghedtlu dan, qalli li kien ghad fadallu biss tlett gimghat xoghol u jekk ma kontx ser inhallsu l-ammont li kien jitlob (Lm1,500) kien ser jabbanduna l-lant tax-xoghol. Kif fil-fatt ghamel. Fit-28 ta' Awwissu rrifjuta li jmur ghax-xoghol u jumejn wara, fil-31 ta' Awwissu 2006 bghatli ittra mill-avukat fejn talabni nhallsu kwazi tlett elef Lira Maltija. Jiena rrispondejtu permezz ta' l-ittra mill-Avukat tieghi fejn ghedtlu li qabel ma kont ser inhallsu kellu jaghlaq il-parti tal-maisonettes u nkejlu x-xoghol. Jiena nsistejt mieghu li kien l-obbligu tieghu li jigi jispicca x-xoghol li beda. U jiena kont lest inhallsu immedjatament wara li jaghlaq xogholu. Filfatt nghid li kellna hafna korrispondenza f'dan ir-rigward u kont sahansitra ltqajt mieghu ghand l-avukat tieghu, u anke fil-fond in kwistjoni. Filfatt nghid li l-ahhar darba li ltqajt mieghu kienetM!arsascala fuq il-post fl-10 ta' Ottubru 2006 u mieghi hadt is-surveyor u electrician iehor. Anke dakinhar tlabtu biex jaghlaq ix-xoghol tieghu sabiex inkun nista' nhallsu u nidhol fil-maisonette tieghi mill-iktar fis. Leo baqa' jwebbes rasu u baqa' jirrifjuta. Ghalhekk f'dak l-istadju ma kellix triq ohra hlief li ninkarika electrician iehor biex ikompli x-xoghol peress li Leo zammli l-bini kollu wieqaf ghal tlett xhur u kkawzali problema enormi billi waqqafli l-bajjad, tal-kontrabejt, lil tal-gypsum u l-kumplament tan-nies l-ohra. Jiena ma l-electrician il-gdid ftehmt lump sum ghax-xoghol kollu li kellu jsir fil-parti tal-maisonettes u filfatt nghid li dan l-electrician xi drabi kellu jinjora x-xoghol li ghamel Leo u jibda mill-gdid. U l-parti tal-villel l-ghaxart ijiem li kien ghamel*

[16] Dok. "LBM4" a fol. 114 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008, fol. 121 sa' 125 tal-process.
[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2008, fol. 128 sa' 132 tal-process u dokument markat Dok. "FZ" a fol. 133 sa' 137 tal-process.

*Leo fil-maggor parti trinek ma kalkolahomlix. Ghalkemm Leo qal li haseb li ridt inkejjel u nhallas dan ma hu veru xejn. Dakinhar ltqajt ma' Leo biex nara x'ghandu f'rasu, l-electrician u s-surveyor kienu hemm biex jghinuni fil-kaz li Leo jkompli jwebbes rasu billi f'dak il-kaz l-electrician ikun jista' jiehu hand-over u surveyor jaghmel survey tax-xoghol li kien sar. Filfatt Leo kien qalli li kien lest li jkompli l-maisonette diment li nhallsu (hmistax-il mija ohra) u l-villel tal-Madliena u M'Scala ma ried jaf b'xejn u ma jkomplihomx. Din ma kenitx accettabbli ghalija. Jien ghedtlu jaghlaq il-maisonette u nhallsu ta' dawk, u wara nkomplu l-villel. Izda hu rrifjuta. Filfatt kieku accetta kif ghedtlu jiena u ghalaq u kejjilna l-maisonettes xorta kien ikun ha iktar milli suppost, u nikkonkludi biex nghid li abbanduna l-progett ghax qata' qalbu u qabdu paniku*[19].

Bil-fatt illi l-konvenut ghadda biex jinkariga terza persuna halli jkompli u jlesti x-xoghlijiet mibdija mill-attur meta dan ta' l-ahhar ma riedx jissokta bix-xoghol dement li ma jithallasx is-somma dak iz-zmien minnu pretiza, l-istess konvenut gie li hass ruhu mahlul mill-ftehim li kellu ma' l-attur u xolja il-kuntratt *ad nutum* bil-konsegwenza però li baqa' suggett li jesegwixxi l-obbligi previsti mill-Ligi a favur l-attur *qua* appaltatur. Din l-osservazzjoni ssib konferma f'dak affermat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **France Abela v. Joseph Scicluna, Citaz. Nru. 39/87** deciza fil-31 ta' Jannar 2003: *jekk l-appaltant ihoss ruhu mahlul mill-ftehim u jqabbad persuna ohra biex tkompli l-ezekuzzjoni ta' l-appalt, ikun hu li, ghax ma jkunx irrikorra ghall-ministeru tal-Qorti biex din tiddikjara xolt l-appalt, xolja l-kuntratt ad nutum, u allura huwa jaqa' taht l-imsemmija disposizzjoni* (Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta) *u jkun suggett biex jesegwixxi dawk l-obbligi previsti mill-ligi favur l-appaltatur – Carmelo Cassar v. Alfonso Maria Pace, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1962*. Fid-dawl ta' dan ghalhekk l-agir tal-konvenut jirrendi ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt l-eccezzjoni tieghu li ma huwa minnu dovut l-ebda hlas lill-attur in kwantu dan abbanduna l-post tax-xoghol[20].

Apparte minn hekk dan l-agir tal-konvenut igib fix-xejn ukoll l-eccezzjonijiet minnu sollevati ghat-talba attrici li: (i) ebda hlas ma huwa dovut lill-attur ghaliex ix-xoghol ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti u qatt ma gie certifikat minn engineer bhala tajjeb[21]; u li (ii) ix-xoghol ma sarx skond il-ftehim bejniethom[22]. In effetti meta l-konvenut inkariga terza persuna biex tissokta bix-xoghol ta' installazzjoni ta' dawl u ilma fuq, anke jekk biss in parte, ix-xoghlijiet esegwiti mill-attur, l-istess konvenut ma jistax imbaghad jissolleva tali eccezzjonijiet meta rinfaccjat bit-talba ghall-hlas da parte ta' l-attur. F'tali rigward fl-imsemmija sentenza **Abela v. Scicluna**, ghad illi ma tqajmitx eccezzjoni dwar xoghol mhux esegwit skond is-sengha u l-arti, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat illi: *anke kieku però giet imqajjma eccezzjoni bhal din l-istess ma kienx ikollha bazi ghas-sostenn taghha fil-kaz de quo. Dan ghar-raguni duplici: Fl-ewwel lok ma jidhirx mir-rizultanzi teknici illi n-nuqqasijiet fix-xoghol esegwit huma tant gravi. Meta dan hu hekk u d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, però jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni (Angelo Busuttil v. Pio Fedele et – Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef M. Caruan Curran, 9 ta' April 1968); Fit-tieni lok il-konvenut ghazel sua sponte li jkompli x-xoghlijiet permezz ta' kuntrattur iehor u kien dan li jew ghamel ir-riparazzjoni jew issokta fuq li kien hemm.*

B'zieda ma' dak appena osservat il-Qorti taghmel referenza ghal dak affermat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Bezzina et v. Joseph Attard**

---

[19] Affidaivt ta' l-konvenut a fol. 140 sa' 143 tal-process.
[20] It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.
[21] It-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.
[22] Ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

**et, Appell Civili Nru. 289/97** deciza fis-17 ta' Marzu 2003: *jirrizulta li l-konvenuti appellanti qabdu w inkarigaw lil terzi biex ikomplu bix-xoghlijiet, presumibilment fuq dak li kienu gja ezegwew l-atturi. Dan ghamluh minghajr ma qabel preventivament baghtu diffida lill-atturi dwar id-difetti riskontrati u talbuhom jaghmlu x-xoghlijiet rimedjali opportuni ghal dawk li huma dehrilhom li kienu d-difetti. Invece flok iddenunzjaw dawn id-difetti huma qabbdu u nkarigaw lil haddiehor. Xelta din li, kif manifest, il-ligi stess tikkonkordalhom. B'dana kollu ghazla bhal din iggib maghha certu konsegwenzi. Ghax kif isostni r-Rubino fil-monografija tieghu "L'Appalto" (UTET, Torino, 1958) "stante la sua stessa accettazione o utilizzazzione della parte eseguita, neanche ora il committente può pretendere che l'inadempimento parziale sia trattato come inadempimento totale, e quindi non può esimersi dal corrispondere un adeguato compenso per quella parte". Dan jistabilih del resto s-subinciz (2) ghall-imsemmi Artikolu 1640 tal-Kap.16. … Jista' jinghad b'logicità, anke guridika, illi jekk il-konvenuti kellhom id-dritt jirrizolvu l-appalt, il-fatt li huma ghaddew biex jinkarigaw lil haddiehor meta x-xoghol ta' l-atturi ma kienx kollawdat kif hekk kien ragjonevolment mistenni li ghandu jkun, huma gew li tacitament accettaw ix-xoghol li twettaq mill-atturi. Fatt dan li bhala konsegwenza jillibera lill-atturi ghal vizzji jew difetti palesi. Allura wkoll ma jistghux jikkampaw it-teorija ta' l-intempestività meta x-xoghol fil-fatt tkompla. U, kif fuq espost, tkompla wkoll fuq ix-xoghol li qed jigi allegat li kien difettuz.*

Il-principji guridici appena citati ma jistghux ma japplikawx ghall-kaz in ezami meta jigi kkunsidrat li l-ewwel darba li l-konvenut issolleva l-ilment li x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti kienet meta gie rinfaccjat bil-proceduri odjerni. In effetti fil-korrispondenza skambjata bejnu u l-attur qabel ma gie inkarigat Franco Zammit, senjatament fl-ittra datata 4 ta' Settembru 2006[23], il-konvenut ma jsemmi assolutament xejn dwar allegat xoghol esegwit mhux skond is-sengha u l-arti u wisq inqas ma tirrizulta xi interpellazzjoni biex jigi rimedjat xoghol allegatament mhux esegwit skond is-sengha u l-arti. L-insistenza tal-konvenut ma' l-attur dejjem kienet li jmur ikompli x-xoghol lilu kommissjonat u l-unika haga li ntqalet f'dik l-ittra fir-rigward tal-kwalità tax-xoghol esegwiti mill-attur kienet: *dan l-ammont* (ossia s-somma ta' Lm2,870 dak iz-zmien pretiza mill-attur) *ma hux dovut. Fl-ewwel lok il-klijent tieghi gja hallas lil tieghek Lm5,500 u s'issa ghadu ma rceviex ricevuta fiskali rigwardanti kwazi elfejn lira. Ghaldaqstant ma jista' jsir l-ebda hlas qabel ma l-klijent tieghi jinghata spjega u kif ukoll certifikat minn inginier kwalifikat li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u in oltre jinghata d-debiti ricevuti fiskali u spjega ghall-hlasijiet li gia saru.*

Ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut jiddikjara li *ghalkemm waqt li kien qed jahdem generalment kont sodisfatt bix-xoghol tieghu, wara li qbadt electrician gdid bdejt nara li ix-xoghol ta' Leo filfatt kellu diversi difetti, bhal per ezempju: Il-katusi ta' l-ilma u d-drenagg saru separati b'iktar spejjez ghalija meta facilment setghu isiru fuq xulxin; f'point wiehed kien halla l-elettriku tal-power mal-lighting, li huwa perikoluz hafna; minn gol-garaxx sad-Distribution Board, ghaddieli zewg wires tal-4 core meta suppost kellu jaghmel wiehed ohxon ta' l-10; id-distribution board kienet zghira u dejqa peress li xtraha tas-single phase meta kien jaf li kont ser ninstalla 3 phase, u biex l-electrician il-gdid jaghmel wahda 3 phase heavy duty ghax nehha kollox u rega' beda mill-bidu dam jumejn biex lestiha; ghalkemm ghamel il-katusi ta' mal-bankina u hallastu ghalihom, filfatt kelli naqla kollox ghax il-bankina ma kenitx tajba u kellha terga ssir. L-istess kelli nhallas lil ta' l-Air Conditioners ghax ghalkemm Leo ikkonvincieni li kellu jaghmel il-coppers biex niffranka fuq il-prezz ta' l-installazzjoni filfatt hadd mill-kumpanniji ta' l-air*

---

[23] Dok. "LBM4" a fol. 114 tal-process.

*conditioners ma accetta li jnaqsuli ta' xoghol li ghamel Leo*[24], mix-xhieda prodotti minnu senjatament Marco Debattista u Franco Zammit, dak minnu affermat ma jirrizultax ghal kollox korroborat u kkonfermat.

Mix-xhieda ta' Marco Debattista jirrizulta car li huwa ma dahalx fil-kwistjoni dwar il-kwalità tax-xoghol esegwit mill-attur izda ezamina u rrapporta biss dwar l-istat li fih kien wasal ix-xoghol esegwit mill-attur fil-mument li nqala' d-disgwid mal-konvenut dwar hlasijiet. In effetti fix-xhieda tieghu Marco Debattista afferma li *jiena m'inhix electrical engineer però, ma dhaltx fil-kwistjoni teknika tas-sistema ta' l-elettriku. Jiena rajt biss dak li kien hemm u naf nara plakka u naghmel il-kalkoli tieghi kemm setghet tiswa, kif ukoll ix-xoghol sabiex twassal il-wiring sa' dik il-plakka*[25]. Franco Zammit, li kif inghad iktar 'l fuq kien il-persuna li kompla jahdem fuq ix-xoghol ta' l-attur, iddikjara li *peress illi l-provvista ta' l-elettriku ghal dan il-kumpless kien wiehed partikolari, jiena qabbadt Ingineer mill-Enemalta biex jaghmilli pjanta u jaghtini indikazzjonijiet u direzzjonijiet ta' kif kellha ssir l-installazzjoni u ghalhekk wara li gejt moghti dawn l-istruzzjonijiet hdimt fuqhom. Fuq l-istruzzjonijiet ta' l-Ingineer kelli nbiddel xi cables li kienu saru qabel mill-attur u kelli nbiddel ukoll il-posizzjoni tal-meters peress illi l-Enemalta rieduhom f'post partikolari. Ghal dak li jirrigwarda d-distribution board ahna dehrilna illi dina kienet wahda zghira u kellna nbiddluha. … Fil-villel kull ma sibt lest kien it-trinek fil-hajt u jiena komplejt minn hemm. Fl-appartamenti però l-wiring dijà gie mghoddi minn gol-conduit, ghad illi l-plakkek u bozzoz kienu ghadhom ma sarux. … Fl-appartamenti minbarra l-wiring fil-conduit, kien hemm it-tqattieh ghall-plumbing lest, ghad illi l-pipijiet ghall-plumbing ma kienux ghadhom saru. Kien hemm xi katusi fit-toilets però l-kumplament tas-sistema komplejta jien. Bhalma digà ghidt il-conduit u l-wires fl-appartamenti kienu hemm u kullma kien jonqos kien il-plakkek ghad illi forsi kien hemm xi tibdiliet li kellna nahdmuhom ukoll. … L-alterazzjonijiet saru a bazi ta' rakkomandazzjoni ta' l-Ingineer. Nikkonferma li fil-kamra tal-banju kien hemm xi trinek ghall-plumbing però bhala plumbing ma kien hemm xejn. It-trinek huma l-inqas haga f'dan ix-xoghol. Forsi jkopri ghaxra fil-mija tax-xoghol tal-plumbing. Il-bqija trid tahdmu inti. Anke ghar-rigward l-elettriku l-finishing touches dawk li nghidulhom it-third fix l-installazzjoni tal-kaxex, il-komunikazzjoni tal-plakkek, dawk li fih hafna xoghol u fih l-aktar flus, ma kienx ghadu sar*[26].

Ghad illi mix-xhieda ta' Franco Zammit jirrizulta li sar xi tibdil fix-xoghol esegwit mill-attur, zgur ma jistax jinghad li jirrizluta li x-xoghol esegwit mill-istess attur ma kienx skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif invece pretiz mill-konvenut. B'hekk it-tielet u u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ukoll jirrizultaw ghal kollox infondati kemm fattwalment kif ukoll guridikament u jirrizulta wkoll li l-attur ghandu, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, id-dritt li jithallas ghax-xoghol esegwit minnu a bazi tal-fatt li fl-ahhar mill-ahhar il-konvenut xolja l-ftehim ta' appalt li kellu ma' l-istess attur.

Ghat-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm3,495.99, illum ekwivalenti ghal €8,143.47, il-konvenuti jeccepixxu wkoll li l-ammont pretiz mill-attur huwa ezagerat u ma jirriflettix ix-xoghol verament kompjut minnu. Fil-kuntest ta' tali eccezzjoni l-Qorti trid tikkonsidra mhux biss dak li fattwalment jirrizulta dwar il-fondatezza u korrettezza tat-talba attrici izda trid tikkonsidra wkoll sa' fejn jaslu l-obbligi tal-konvenuti jew min minnhom vis-à-vis l-attur a tenur ta' l-Artikolu 1640 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[24] Affidavit tal-konvenut a fol. 140 sa' 143 tal-process.
[25] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008, fol. 121 sa' 125 tal-process.
[26] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' April 2009, fol. 128 sa' 132 tal-process.

In vista tan-natura tal-kaz in ezami b'Digriet moghti fl-24 ta' Marzu 2009[27], il-Qorti nnominat lill-Perit Valerio Schembri bhala Perit Tekniku sabiex jirrelata dwar it-talba attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kontro-talba taghhom u tax-xhieda già mismugha. Meta jigu ikkunsidrati r-Relazzjoni tal-Perit Tekniku[28] u t-twegibiet tieghu ghall-mistoqsijiet in eskussjoni li sarulu mill-partijiet kontendenti[29] essenzjalment jirrizulta li fil-fehma ta' l-istess Perit: (i) il-valur tax-xoghol li kien ghamel l-attur vis-à-vis il-progetti f'Wied il-Ghan u fil-Madliena kien ta' Lm6,533.65[30] u mhux ta' Lm8,514.58[31] kif pretiz minnu; (ii) ma jirrizultax li x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti; (iii) il-konvenut ma kienx waqa' lura fil-pagamenti ta' l-atturi, u dan anke fid-dawl ta' l-aggustamenti li ghamel il-Perit Tekniku ghal certa ammonti pretizi mill-attur, b'mod u ammont tali li jiggustifika r-reazzjoni ta' l-attur u l-ghazla tieghu li ma jkomplix bl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet jekk ma jithallasx; u (iv) l-ammont attwalment dovut lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit jammonta ghal Lm1,592.56, illum ekwivalenti ghal €3,709.66[32].

Minn tali rizultanzi teknici, fir-rigward ta' liema rizultanzi teknici ma tirrizulta l-ebda raguni li ghandha twassal lill-Qorti biex ma taccettahomx bhala validi u korretti[33], jirrizulta li l-konvenut kellu raguni valida in bazi ghal liema jtemm il-ftehim li kellu ma' l-attur meta dan ta' l-ahhar irrifjuta li jissokkta bix-xoghol jekk ma jithallasx l-ammont li kien qed jigi minnu pretizi dak iz-zmien, liema ammont kien ta' Lm2,870, illum ekwivalenti ghal €6,685.30, u ghalhekk fil-kaz in ezami japplika dak provdut fl-Artikolu 1640(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *jekk ikun hemm raguni valida biex iholl il-kuntratt, min jaghti x-xoghol ghandu jhallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx izjed mill-ispejjez ta' l-appaltatur u l-valur tax-xoghol, wara li jittiehed qies ta' l-utilità ta' dawk l-ispejjez u dak ix-xoghol lil min ikun ta x-xoghol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra*.

Fid-dawl ta' dak provdut fl-imsemmi provvediment tal-Ligi u in partikolari fejn hemm provdut li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni d-danni li jkun sofra l-appaltant li jkun temm l-appalt ghal raguni valida, il-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju ghandha tittratta u tikkonsidra s-seba' eccezzjoni tal-konvenuti fejn jeccepixxu li *bl-agir tieghu r-rikorrenti holoq danni ingenti lill-intimat u lis-socjetà DavCar Developments Ltd.* u l-kontro-talba relattiva taghhom fejn appuntu qed jitolbu li l-attur jigi ikkundannat ihallashom id-danni minnhom sofferti, liema danni ma jammontawx ghal iktar minn Lm5,000, illum ekwivalenti ghal €11,646.87. Il-konvenuti jikkontendi li huma sofrew danni, ghaliex liema danni jippretendu li ghandu jaghmel tajjeb l-attur, ghaliex: (i) l-attur ma zammx mal-ftehim patwit bejn il-partijiet u tawwal ix-xoghol irragjonevolment, naqas ukoll milli jaghmel ix-xoghol skond is-sengha u l-arti; (ii) l-attur abbanduna l-post tax-xoghol u dana minghajr raguni valida; u (iii) minhabba l-agir ta' l-attur kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghlijiet, spejjez biex jigi rimedjat xoghol hazin u biex jitqabbad xi hadd gdid biex jesegwixxi x-xoghol.

Wara li kkunsidrat il-provi prodotti kif ukoll ir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku u t-twegibiet tieghu ghall-mistoqsijiet in eskussjoni li sarulu mill-partijiet kontendenti, il-Qorti hija tal-

---

[27] Fol. 185 tal-process.
[28] Fol. 200 sa' 298 tal-process.
[29] Fol. 309 sa' 319 tal-process.
[30] Illum ekwivalenti ghal €15,219.31.
[31] Illum ekwivalenti ghal €19,833.64.
[32] Dok. VS0101 Rivedut a fol. 319 tal-process.
[33] Joseph Schembri v. Emanuel Caruana, Citaz. Nru. 534/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Ottubru 2003.

fehma li l-attur gustament jeccepixxi li ma kkawza l-ebda danni lill-konvenuti u li t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti ma hijiex gustifikata u b'hekk ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Kif già iktar 'l fuq osservat ghalkemm l-attur ma kellux raguni valida in bazi ghal liema ma jkomplix jesegwixxi x-xoghol lilu kummissjonat, kien il-konvenut li xolja l-ftehim bejniethom billi inkariga terza persuna biex jissokta u jittermina tali xoghol. Kwindi mhux semplici kwistjoni li l-attur abbanduna l-lant tax-xoghol, kif donnu pretiz mill-konvenuti. In kwantu rigwarda l-allegat dewmien kawzat mill-agir ta' l-attur, tali dewmien ma jirrizultax.

Ghall-finijiet ta' precizjoni jigi osservat li ghalkemm irrizulta li kien hemm dewmien fl-esekuzzjoni tax-xoghol kemm fil-progett tal-Madliena kif ukoll fil-progett ta' Wied il-Ghajn, tali dewmien ma jistax' u ma ghandux jigi attribwit lill-attur u lill-agir tieghu. In effetti x-xoghol fil-Madliena waqaf mhux tort ta' l-attur imma ghaliex il-konvenut kellu disgwid mal-kuntrattur, hekk kif jirrizulta mill-istess affidavit tal-konvenut, u meta x-xoghol ta' kostruzzjoni fil-progett tal-Madliena tkompla l-attur kien già impenjat fuq il-progett ta' Wied il-Ghajn. In kwantu rigwarda x-xoghol fuq il-progett ta' Wied il-Ghajn, il-Perit Conrad Thake, li kien il-Perit inkarigat mis-sorveljanza ta' dan il-progett, xehed illi *jiena kont gejt inkarigat mill-konvenut sabiex nibni proprjetajiet fi Triq il-Katakombi, Marsascla. Kien hemm zewg (2) semi-detached villas u villa ohra maqsuma f'zewg (2) residenzi – b'kollox erbgha (4) residential units. Jiena kont inkarigat naghmel il-pjanta, napplikalu ghall-permessi u naghmel supervision tax-xoghlijiet sa' l-istadju tas-shell. Fil-finishing jiena ma ndhaltx. Ix-xoghlijiet f'dak l-istadju spiccaw xi disa' (9) xhur ilu* – ossia ghall-habta ta' Novembru 2006 – *u domna nahdmu xi sena jew sena u nofs. F'dan il-progett kien hemm kuntrattur Zahra Construction Limited, li kien qed jibni r-residenzi u xoghli kien illi naghmel supervizjoni tieghu. Ix-xoghol kien jimxi b'mod regolari, izda mhux kontinwu. Hija haga normali fix-xoghol ta' kostruzzjoni illi l-kuntrattur jinqabad fuq xi xoghol iehor, jew inkella jkollu jissospendi ghal xi ftit certa xoghol sakemm jirranga xi haga ohra. F'dan il-kaz iddum sena u nofs biex itella erba' (4) residential units m'huwiex xi dewmien esagerat, anzi huwa zmien ragonevoli. ... Bhal ma digà ghedt, jiena ma jidhirlx illi l-perijodu illi dam il-kuntrattur biex tella' dawn l-erba' (4) villel, kien xi perjodu twil. Wiehed irid jiftakar ukoll illi kien hemm ukoll l-excavations, it-thammil u kien hemm ukoll xi katakombi fil-vicin illi kienet allura ghamlet is-site sensittiva u kellna noqghodu attenti hafna li ma naghmlux hsara. Ghalhekk ghalija ma kienx kaz li kien hemm xi dewmien.*

Minn din ix-xhieda tal-Perit Thake, apparte li jirrizulta li fil-fehma tieghu mill-lat ta' kostruzzjoni ma kienx hemm xi dewmien ezagerat, jirrizulta wkoll li l-kostruzzjoni tar-*residential units* intemmet f'Novembru 2006 ossia fi zmien meta l-ftehim bejn l-attur u l-konvenut già kien intemm mill-istess konvenut u kien beda jahdem Franco Zammit. B'hekk ma jirrizultax li l-konvenuti sofrew xi dewmien attribwibbli lill-attur u lill-agir tieghu u ghalkemm fl-affidavit tieghu l-konvenut jikkontendi li l-agir tal-konvenut waqqaf ix-xoghol tal-bajjad, tal-kontrabejt, tal-gypsum u l-kumplament tan-nies l-ohra, tali allegazzjoni ma giet minnu bl-ebda mod ikkoroborata u sostanzjata. Anke mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku jirrizulta b'mod car li ma kienx hemm dewmien kawzat minhabba l-attur. In effetti il-Perit ikkonkluda li *dwar l-ewwel talba rikonvenzjonali l-esponent ma jirrizultalux mill-provi illi l-attur tawwal ix-xoghol bla bzonn jew irragjonevolemnt. Ma jirrizultax lanqas li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti. ... Fid-dawl tat-tielet talba rikonvenzjonali, mill-provi jirrizulta li kien hemm sahansitra kwazi handing over bejn l-attur u min hadem warajh Franco Zammit u dan ghaliex anke meta ltaqghu fuq il-post il-partijiet u l-attur iddecieda li ma jkomplix, l-istess Franco Zammit kien prezenti. Jidher ukoll li dan Franco Zammit beda x-xoghol mill-ewwel anzi kompla fejn halla l-attur Borg*

*Marks. ... Hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi l-attur ma tawwalx bla bzonn l-ezekuzzjoni tax-xoghol li kellu jaghmel u jidher illi min kompla warajh ghamel dan b'mod immedjat. Lanqas ghall-grazzja ta' l-argument l-attur fixkel lill-konvenut milli jibqa ghaddej bix-xohol wara li l-istess attur iddecieda li ma jkomplix*[34].

Bl-istess mod ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-konvenuti inkorrew danni minhabba xoghol esegwit mhux skond is-sengha u l-arti da parte ta' l-attur. Kif già iktar 'l fuq osservat mill-provi prodotti ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx skond is-sengha u l-arti, tant illi fir-rigward tal-progett ta' Wied il-Ghajn, fejn l-attur kien lahaq ghamel l-iktar xoghol, jirrizulta li Franco Zammit kompla bix-xoghlijiet fuq ix-xoghol già esegwit mill-attur. F'dan il-kaz ukoll il-fatti li x-xoghol esegwit mill-attur ma kienx mhux skond is-sengha u l-arti jirrizulta mir-Relazzjoni tal-Perit Tekniku li appuntu kkonkluda li *l-esponent ma jirrizultalux li x-xoghol li ghamel l-attur ma kienx skond l-arti u s-sengha u dan l-esponent jirrilevah ghal dak li jirrigwarda t-tielet accezzjoni tal-konvenut*[35].

Il-konvenuti jikkontendu wkoll li huma nkorrew danni biex jitqabbad electrician iehor sabiex ikompli ix-xoghol mhux mitmum mill-attur u biex jaghmel tajjeb ghax-xoghol hazin esegwit mill-attur. Hawn ukoll il-Qorti tqis li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw b'mod sodiafcenti dak minnhom allegat. Huwa veru li huma hallsu lil Franco Zammit is-somma ta' Lm2,000 ghax-xoghol esegwit minnu izda dan kien xoghol li kien ghadu ma sarx u li tieghu ma thallasx u mhux se jithallas l-attur u ma tressqet l-ebda prova li bhala fatt biex tqabbad electrician gdid il-konvenuti inkorrew iktar spejjez milli kieku baqa' ghaddej bix-xoghol l-attur stess. In kwantu rigwarda l-allegat xoghol hazin esegwit mill-attur, apparte l-fatt li ma jirrizultax li kien hemm xoghol hazin, il-konvenuti ma ressqux prova dwar l-ispsiza inkorsa minnhom fir-rigward ta' xi alterazzjonijiet li saru minn Franco Zammit fix-xoghol esegwit mill-attur.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-konvenuti ma huma intitolati ghall-hlas ta' ebda danni da parte ta' l-attur in kwantu ma tressqitx prova sodisfacenti ta' tali danni u tan-ness bejn l-agir u/jew ix-xoghol ta' l-attur u d-danni hekk allegatament sofferti. B'hekk filwaqt li t-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti ghandha tigi michuda, it-talba ta' l-attur ghall-hlas tal-valur tax-xoghol esegwit minnu ghandha tigi milqugha, izda dana limitatament ghas-somma ta' Lm1,592.56, illum ekwivalenti ghal €3,709.67, li hija s-somma likwidata - fil-fehma tal-Qorti b'mod korrett u gust - mill-Perit Teniku fil-kalkolu rivedut tieghu a fol. 319 tal-process.

Ghal kull buon fini l-Qorti taghmel referenza ghac-cheque esebit mill-konvenut bhala Dok. “DC1” flimkien mal-mistoqisjiet in esekussjoni li saru lill-Perit Tekniku l-Perit Valerio Schembri. Dan huwa cheque datat 16 ta’ Lulju 2006 ghall-valur ta’ Lm181.95 mahrug f’isem Leo Borg Marks u l-konvenut jikkontendi li dan huwa pagament li jaghmel referenza ghalih fl-affidavit tieghu izda li ghal xi raguni baqa’ ma giex esebit u li konsegwentement ghandu jitnaqqas mill-ammont pretiz mill-attur. Minn qari akkurat ta’ l-affidavit tal-konvenut tali pagament tas-somma ta’ Lm181.95 ma jissemmix u fir-Risposta tieghu vis-à-vis tali cheque, li kjarament inhareg fuq l-attur, l-attur spjega li dan kien pagament li gie mghoddi lil Charles Cassar, *subcontractor* inkarigat minnu, liema ammont fil-fatt mhux qed jigi minnu reklamat f’dawn il-proceduri. Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li l-ammont ta’ Lm181.95, illum ekwivalenti ghal €423.83, ma ghandux jitnaqqas mis-somma ta’

[34] Paras. 6, 8 u 10 tal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku a fol. 215 u 216 tal-process.
[35] Para. 3 tal-konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku a fol. 214 tal-process.

€3,709.67 determinata mill-Perit Tekniku bhala l-ammont attwalment dovut lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit fuq inkarigu tal-konvenut.

Stabbilit li l-attur ghandu dritt jithallas is-somma ta' €3,709.67 ghax-xoghol minnu esegwit, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jigi issa determinat min mill-konvenuti huwa tenut ihallas tali ammont lill-attur.

Originarjament l-attur harrek lill-konvenut David Caruana izda dana eccepixxa li r-Rikors promotur huwa irritu u null in kwantu *ir-rikorrent kien gie impjegat mis-socjetà DavCar Developments Limited.* Fid-dawl ta' tali eccezzjoni l-attur talab u ottjena z-zieda tas-socjetà DavCar Developments Limited bhala parti konvenuta f'dawn il-proceduri. Minn ezami tal-provi però il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizultax li l-attur kien impjegat ma' jew inkarigat mis-socjetà DavCar Developments Limited. Apparte l-fatt li fix-xhieda tieghu l-attur ripetutament sahaq li kien inkarigah il-konvenut, li kien il-konvenut li jaghtih u/jew ibidillu l-istruzzjonijiet dwar ix-xoghol li kellu jigi esegwit u li kien il-konvenut li kien ihallsu akkont tax-xoghol esegwit, mill-affidavit tal-konvenut stess jirrizulta li l-inkarigu nghata lill-attur minnu stess u mhux mis-socjetà DavCar Developments Limited. Il-konvenut in effetti ddikjara li *jiena lil Leo ili nafu minn mindu konna zghar u peress li kont bqajt inzomm kuntatt mieghu fil-bidu tas-sena 2005 meta gejt biex nibda l-progett tieghi fil-Madliena kont kellimtu biex jiehu hsieb ix-xoghol ta' l-elettriku ta' flatlet go villa minnhom li kont qed nibni fil-Madliena. Huwa kien accetta u kien qalli li jmexxini hu. ... Sa' dakinhar* (ossia Ottubru 2005 meta l-konvenut irrisolva d-disgwid li kellu mal-kuntrattur dwar il-progett tal-Madliena) *jien kont ghadni hbieb ma' Leo u konna anke nohorgu flimkien. Huwa meta konna niltaqghu kien joqghod jistaqsini dwar ix-xoghol li kelli Marsascala, u kien jghidli li kien lest jehodli hsieb kollox. Ghalhekk f'Dicembru qbilt ma' Leo li jibda jahdem fuq il-progett tieghi ta' Marsascala, konna qbilna wkoll li wara xahrejn kien ser jaqbad lil xi nies biex jghinuh u kont anke selliftu l-van tieghi biex nghinu jahdem*[36]. Huwa ferm evidenti li minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut kien qed jikkuntartta ma' l-attur f'isem is-socjetà DavCar Developments Limited u mhux f'ismu personali. Jigi osservat ukoll li anke fl-ittra datata 4 ta' Settembru 2006[37] li ntbaghtet in risposta ghat-talba ta' l-attur ghall-hlas tas-somma ta' Lm2,870[38], imkien ma jissemma li l-pretensjoni ta' l-attur kellha tigi diretta fil-konfront tas-socjetà DavCar Developments Limited u mhux fil-konfront tal-konvenut David Caruana.

Fid-dawl ta' tali rizultanzi fattwali l-Qorti hi tal-fehma li japplika l-principju orami assodat fis-sistema guridika nostrali li *hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraenti l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni* - **Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, Citaz. Nru. 1337/90** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 – u l-principju ulterjuri li *ladarba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut, sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamilhiex f'ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollha li*

[36] Fol. 140 tal-process.
[37] Dok. "LBM4" a fol. 114 tal-process.
[38] Ittra datata 31 ta' Awwissu 2006, Dok. "LBM3" a fol. 113 tal-process.

*jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel* – **Charles Mizzi et noe v. Teddie sive Edward Borg,** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju 1990[39].

Ghaldaqstant, huwa l-konvenut David Caruana li huwa tenut ihallas lill-attur ghax-xoghol minnu esegwit fuq inkarigu tieghu, filwaqt li s-socjetà DavCar Developments Limited ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti ghat-talba attrici u tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-attur ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti;
2. Tiddikjara li s-socjetà DavCar Developments Limited ma hijiex il-legittimu kontradittur ta' l-attur u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Tichad it-tieni, tielet, raba', sitt u seba' eccezzjoni sollevati mill-konvenut ghat-talba attrici, izda tilqa' l-hames eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghat-talba attrici;
4. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €3,709.67 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €3,709.67, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament;
5. Tilqa' l-eccezzjonijiet kollha ta' l-attur ghat-talba rikonvenzjonali u konsegwentement tichad l-istess talba rikonvenzjonali.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

[39] Camel Brand Co. Ltd. v. Michael Debono, Citaz. Nru. 1184/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2002, ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru 2005.